

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > L-ispazju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika > Estonia

My e-Justice space

Estonja

Estonja

L-Estonja hija pajjiż żgħir bis-servizzi pubbliċi diġitali kollha miżmuma fil-livell nazzjonali (mhux reġjonali). Is-servizzi u l-portali elettroniċi pubbliċi Estonjani ewlenin huma dawn li ġejjin:

- Il-Portal e-State Estonjan (ambjent online li jipprovdi informazzjoni aġġornata għall-attivitajiet kollha relatati mal-Istat tan-nies fid-diversi oqsma tal-ħajja tagħhom, bħall-edukazzjoni, l-avvenimenti tal-familja, il-kura tas-saħħa, is-sigurtà soċjali u l-bqija. Il-portal jipprovdi wkoll gwida Prattika u pariri dwar kif tuża u ssib servizzi pubbliċi). Aċċessibbli fuq: <https://www.eesti.ee/et>.
- Reġistru tal-Popolazzjoni (portal self-service elettroniku għas-servizzi tar-reġistru tal-popolazzjoni). Aċċessibbli fuq: <https://www.rahvastikuregister.ee>.
- Reġistru Kummerċjali Elettroniku (joħroġ data legali u statistika dwar negozji Estonjani, assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, fondazzjonijiet, aġenziji tal-gvern statali u lokali u persuni li jaħdmu għal rashom, jista' jintuża wkoll biex tiġi stabbilita kumpanija permezz tas-servizz tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji tar-reġistru elettroniku kummerċjali jew biex jiġu sottomessi ċerti dokumenti tal-kumpaniji). Aċċessibbli fuq: <https://ariregister.rik.ee/est>.
- Reġistru tal-Artijiet Elettroniku (fih data legali dwar il-proprjetajiet immobbli Estonjani kollha). Aċċessibbli fuq: <https://kinnistusraamat.rik.ee/Login.aspx?lang=Eng>.
- Portal tal-Proprietà Immobbli (użat għas-sottomissjoni ta' talbiet għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà). Aċċessibbli fuq: <https://kinnistuportaal.rik.ee/login.aspx?ReturnUrl=%2fKAEP%2flogin.aspx>.
- Bażi tad-Data tar-Rekords Kriminali (iżżomm data dwar persuni kkastigati u l-pieni tagħhom). Aċċessibbli fuq: <https://www.rik.ee/en/criminal-records-database>.
- E-File (użat għall-parteċipazzjoni elettronika fi proċedimenti ċivili, amministrattivi u ta' delitti). Aċċessibbli fuq: <http://www.e-toimik.ee>.
- Il-Gazzetta tal-Istat (Elettronika) (użata bħala pubblikazzjoni online tal-leġiżlazzjoni Estonjana kollha). Aċċessibbli fuq: <http://www.riigiteataja.ee>.
- Avviżi Uffiċjali (tippubblika l-avviżi, l-istediniet u t-tħabbiriet kollha li jeħtieġ li jiġu ppubblikati uffiċjalment skont il-leġiżlazzjoni Estonjana). Aċċessibbli fuq: <https://www.ametlikudteadaanded.ee>.
- Portal Ċentrali dwar l-Akkwisti (għall-akkwist ta' tagħmir għall-ministeri u għall-awtoritajiet oħra). Aċċessibbli fuq: <https://kesksedhanked.rik.ee>.
- Reġistru tal-Beni Matrimonjali (fih data dwar ir-reġimi matrimonjali magħżula mill-konjuġi u l-kuntratti dwar il-beni matrimonjali). Aċċessibbli fuq: <https://abieluvararegister.rik.ee>.
- Reġistru tal-Vapuri (fih data dwar il-vapuri tal-baħar u interni Estonjani). Aċċessibbli fuq: <https://laevakinnistusraamat.rik.ee>.
- Nutar Elettroniku (ambjent li jgħin lin-nutara fix-xogħol tagħhom ta' kuljum u jippermetti komunikazzjoni elettronika bejn in-nutara u l-Istat). Is-servizz ma huwiex disponibbli għall-pubbliku ġenerali, iżda biss għan-nutara u għall-impjegati tal-uffiċċju notarili.
- Arrest Elettroniku (jiffaċilita l-informazzjoni bejn l-Istat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' pagament). Sabiex jintuża s-servizz, trid tiġi sottomessa talba ffirmata b'mod diġitali liċ-Ċentru tar-Reġistri u tas-Sistemi tal-Infurmazzjoni (RIK). Is-servizz ma huwiex disponibbli għall-pubbliku ġenerali.

Il-biċċa l-kbira ta' dawn is-servizzi huma appoġġjati miċ-Ċentru tar-Reġistri u s-Sistemi tal-Infurmazzjoni (*Riigi Infosüsteemide Keskus*), iżda kull servizz jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' awtorità pubblika differenti (diversi ministeri, qrati).

Il-biċċa l-kbira tas-servizzi huma aċċessibbli bl-użu tas-servizzi Estonjani ta' aċċess mobbli SmartID jew Mobiil ID jew kard tal-identità nazzjonali u tagħmir li jaqra l-kards. Il-Portal tal-Istat huwa aċċessibbli wkoll bl-użu tal-eID

Possibbiltà li jiġi ppreżentat rikors għal għajjnuna legali

Għan u ambitu: L-Istat Estonjan jiffinanzja żewġ tipi ta' għajjnuna legali għaċ-ċittadini Estonjani u għall-persuni li jgħixu fl-Estonja:

- Parir legali preliminari pprovdut minn persuni ġuridiċi ffinanzjati mill-Istat.
- Għajjnuna legali mill-Istat, servizz legali lil persuna akkarigu mill-Istat.

Awtorità kompetenti:

- Parir legali preliminari huwa pprovdut mill-persuni ġuridiċi li ġejjin iffinanzjati mill-Istat u magħżula mill-Ministeru għall-Ġustizzja fuq bażi temporanja:
 - OÜ Hugo <https://hugo.legal> (parir legali preliminari ġenerali għar-residenti kollha tal-Estonja li s-salarju ta' kull xahar tagħhom huwa inqas minn EUR 1,200).
 - MTÜ Eesti Puuetega Inimeste Koda (parir legali preliminari ġenerali għall-persuni b'diżabilità) <https://epikoda.ee/mida-me-teeme/noustamine/oigusnoustamine>.
 - L-Assoċjazzjoni Estonjana tas-Soċjetajiet tal-Pensjonanti (parir legali preliminari ġenerali għall-pensjonanti) <http://www.eakad.ee/tasuta-oigusabi/>.
- Għajjnuna legali mill-Istat – ir-rikors ġeneralment jiġi sottomess quddiem il-qrati Estonjani. L-għajjnuna legali mill-Istat hija offruta minn avukati Estonjani u hija kkoordinata mill-Kamra tal-Avukati Estonjana.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jiġi sottomess rikors lill-qrati sabiex tiġi riċevuta għajjnuna legali mill-Istat. Rikors għal għajjnuna legali mill-Istat għandu jiġi sottomess lil korp investigattiv jew lil Uffiċċju tal-Prosekutur, jekk il-persuna tkun suspettata f'materja kriminali fejn il-parteċipazzjoni ta' avukat ma tkunx obligatorja.
- Il-formola ta' rikors hija aċċessibbli fuq il-paġna web tal-[Ministeru għall-Ġustizzja](#) kif ukoll f'kull qorti u ufficiċju legali tal-avukati. Fi proċedimenti kriminali, rikors għall-ħatra ta' avukat tad-difiża kriminali sottomess minn persuna suspettata li tkun persuna fiżika jiġi ssimplifikat; f'tali każ huwa meħtieġ li tiġi stabbilita biss l-informazzjoni dwar l-imputat, il-lingwa li biha l-imputat ikun jista' jikkomunika mal-fornitur tal-għajjnuna legali mill-Istat, u referenza għall-materja kriminali li fiha tintalab il-parteċipazzjoni tal-avukat tad-difiża kriminali.
- Rikors għal għajjnuna legali mill-Istat jiġi sottomess bl-Estonjan. Rikors jista' jiġi sottomess ukoll bl-Ingliż jekk tintalab għajjnuna legali minn persuna fiżika li għandha residenza fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, hija ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew hija persuna ġuridika li s-sede tagħha tinsab fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.
- Jekk min iressaq ir-rikors ikun persuna fiżika għandu jehmeż avviż dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, li jiġi ffirmat minnu u, jekk possibbli, evidenza oħra relatata mas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu mar-rikors għal għajjnuna legali mill-Istat. Persuna suspettata fi proċedimenti kriminali li tapplika għall-ħatra ta' avukat tad-difiża kriminali ma teħtieġx li tehmeż avviż dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Jekk ir-residenza ta' persuna ma tkunx fl-Estonja, hi għandha tehmeż mar-rikors, avviż dwar l-introjtu tal-persuna u tal-membri tal-familja tagħha matul l-aħħar tliet snin mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' residenza tal-persuna. Jekk l-avviż ma jkunx jista' jiġi sottomess għal raġunijiet indipendenti mill-persuna li tkun ressqet ir-rikors, l-għoti tal-għajjnuna legali mill-Istat jista' jiġi deċiż mingħajr l-avviż.
- Il-formola standard tal-avviż dwar is-sitwazzjoni finanzjarja hija aċċessibbli fuq il-[paġna web tal-Ministeru għall-Ġustizzja](#) kif ukoll f'kull qorti u ufficiċju legali tal-avukat.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva, ir-rikors jista' jiġi sottomess lill-qrati b'mod elettroniku.

Kost:

- Parir legali preliminari minn HUGO Legal huwa pprovdut għal tariffa ta' EUR 5 għar-residenti Estonjani kollha b'introjtu gross sa EUR 1,200 fix-xahar. Parir legali huwa pprovdut f'laqgħat mal-persuna fil-bżonn jew, bil-kunsens ta' din tal-aħħar, bil-vidjo jew bit-telefown. Biex tikseb is-servizz, il-persuna fil-bżonn trid tħallas kopagament ta' EUR 5. Dan huwa għal parir legali ta' sagħtejn, jew fiżikament jew, bi qbil mal-persuna, bil-vidjo jew bit-telefown. Parir legali ta' tliet sigħat oħra jistgħu jinkisbu bi prezz imnaqqas ta' EUR 45 fis-siegħa.
- L-għajjnuna legali mill-Istat hija pprovduta mill-Istat u ġeneralment tkun mingħajr ħlas. Madankollu, huwa possibbli li l-għajjnuna legali mill-Istat tiġi pprovduta bl-obbligu li tikkumpensa għaliha aktar tard.

Ħolqa:

Aktar informazzjoni dwar kif tikseb l-għajjnuna legali mill-Istat fl-Estonja hija disponibbli fuq il-paġna web tal-[Kamra tal-Avukati Estonjana](#).

Kumpens

Għan u ambitu:

Ma hemm l-ebda skema ta' kumpens nazzjonali (elettronika jew mhux elettronika) disponibbli fl-Estonja. Persuna tista' tiftaħ kawża ċivili għad-danni kontra l-akkużat bħala parti minn proċedimenti kriminali jew titlob id-danni bħala parti minn proċedimenti ċivili speċjali.

Awtorità kompetenti: Il-Qrati.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

Il-kumpens fl-Estonja huwa disponibbli bħala parti minn proċess ċivili standard jew bħala kawża għad-danni bħala parti mill-proċedimenti kriminali.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Mhux applikabbli.

Kost: Mhux applikabbli.

Ħolqa: Aktar informazzjoni dwar kif jinkiseb kumpens bħala parti mill-proċedimenti kriminali tista' tinstab [hawnhekk](#).

Bidu ta' kawża ċivili online

Għan u ambitu: Il-kawżi ċivili jistgħu jinbdew b'mod elettroniku fl-Estonja bl-użu tal-portal e-File (*e-Toimik*).

Awtorità kompetenti: Il-portal e-File jitħaddem miċ-[Ċentru tar-Reġistri u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni](#) (RIK).

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Il-portal e-File jista' jiġi aċċessat online fuq: <https://etoimik.rik.ee> billi tilloggja fis-servizz mobbli Estonjan jew Mobiil-ID b'kard tal-identità nazzjonali billi tuża t-tagħmir li jaqra l-e-Cards u l-kodiċi tal-identità tal-persuni.
- Is-sistema tal-e-File tista' tintuża mill-partijiet fi proċedimenti tal-liġi ċivili u amministrattiva kif ukoll fi proċedimenti kriminali u ta' mgħiba ħażina. Fir-rigward tal-proċedimenti tal-qorti ċivili u amministrattivi, huwa possibbli li jinbdew proċedimenti u jiġu ppreżentati dokumenti u appelli. Fi proċedimenti kriminali u ta' mgħiba ħażina, huwa possibbli li jiġu sottomessi għadd limitat ta' dokumenti li jikkonċernaw il-proċedimenti tal-qorti eżistenti. Ordnijiet ta' pagament rapidu ta' dejn jew talbiet ta' manteniment jistgħu jiġu sottomessi biss permezz tal-internet.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: L-istess bħad-dokumenti stampati.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: L-użu tal-e-File huwa mingħajr ħlas, iżda t-tariffi ordinarji tal-Istat japplikaw meta jiġu sottomessi r-rikorsi u l-appelli lill-qrati. It-tariffi tal-Istat jistgħu jitħallsu permezz ta' ħolqa tal-bank fis-sistema e-File, kif ukoll barra mis-sistema permezz tal-internet banking jew f'fergħa bankarja.

Ħolqa:

Aktar informazzjoni dwar l-e-File tinsab fuq: <https://www.rik.ee/en/e-file>.

Aktar informazzjoni dwar l-ipproċessar online tal-kawżi u l-komunikazzjoni elettronika mal-qrati tinsab [hawnhekk](#).

Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

Għan u ambitu: Minbarra n-notifika ordinarja ta' dokumenti, il-qrati Estonjani jinnotifikaw dokumenti b'mod elettroniku permezz tas-sistema pubblika ta' informazzjoni e-File (*e-Toimik*), fejn parteċipant fi proċediment ikollu aċċess għad-dokumenti ġudizzjarji kollha tal-kawża tiegħu. Id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati wkoll permezz ta' email lill-parteeipanti tal-proċedimenti tal-qorti Estonjana.

Awtorità kompetenti: Il-Qrati.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati b'mod elettroniku minn kwalunkwe parteċipant fil-proċedimenti ċivili Estonjani li jkun ta lill-qorti l-indirizz tal-email tiegħu għan-notifika.
- Id-dokumenti jistgħu jiġu nnotifikati wkoll b'mod elettroniku permezz ta' e-File, iżda l-persuna trid tiftaħ id-dokument fl-e-File biex jitqies bħala nnotifikat. E-File jista' jiġi aċċessat mis-servizz tal-identità mobbli Estonjan Mobiil-ID jew billi wieħed jilloggja b'kard tal-identità nazzjonali bl-użu tat-

tagħmir li jaqra l-kards tal-identità.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Ugwali għal dokumenti mhux elettroniċi.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva, id-dokumenti jiġu nnotifikati jew permezz tal-email (dokumenti ffirmati diġitalment) jew permezz tal-portal e-File (*e-Toimik*). Id-dokument jiġi nnotifikat fil-portal e-File meta min jirċevih jiftaħ id-dokument. Min jirċevih jista' jniżżel id-dokument fil-portal e-File.

Kost: Mingħajr ħlas.

Ħolqa:

Aktar informazzjoni dwar in-notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji fl-Estonja tinsab [hawnhekk](#).

Parteċipazzjoni f'irkanti ġudizzjarji

Għan u ambitu: L-irkanti ġudizzjarji online huma organizzati minn bailiffs Estonjani.

Awtorità kompetenti:

- Il-bailiffs Estonjani jorganizzaw l-irkanti ġudizzjarji. Il-lista tal-bailiffs Estonjani tinsab fil-paġna web tal-assoċjazzjoni professjonali għall-bailiffs, il-Kamra Estonjana tal-Bailiffs u l-Fiduċjarji f'Falliment (*Kohtutäiturite ja Pankrotihaldurite Koda*): <https://kpkoda.ee/kohtutaiturid/kohtutaiturid-kontakt/>.
- Il-portal għall-irkanti online huwa operat mill-Kamra Estonjana tal-Bailiffs u l-Fiduċjarji f'Falliment u huwa disponibbli [hawnhekk](#).

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Persuna li tkun tixtieq tipparteċipa f'irkant partikolari trid tirreġistra għall-irkant f'konformità mar-regoli u sad-data tal-għeluq speċifikata fl-avviż tal-irkant, u tħallas id-depożitu jekk din tkun kundizzjoni għall-parteċipazzjoni fl-irkant u jekk il-persuna ma tkunx eżenti bil-liġi milli tħallas id-depożitu. L-offerti jistgħu jsiru mill-parteċipanti rreġistrati għall-irkant li jkollhom il-kapaċità ġuridika neċessarja u li d-dritt tagħhom ta' parteċipazzjoni fl-irkant ma jkunx ristrett ġuridikament jew b'mod ieħor.
- Talba għall-parteċipazzjoni f'irkant pubbliku trid tkun iffirmata diġitalment jew inkella fiżikament. It-talba għall-parteċipazzjoni tista' tiġi sottomessa billi tintbagħat permezz ta' email lill-bailiff fl-indirizz speċifikat fl-avviż tal-irkant jew billi tittella' fl-ambjent għall-irkanti. It-talba għall-parteċipazzjoni ma teħtieġx li tkun kriptata, iżda l-proċedura speċifika għar-reġistrazzjoni tiġi ddeterminata mill-bailiff. Fil-każ ta' rkant orali, l-envelop irid ikun issiġillat.
- Biex jagħmel offerta fl-ambjent online għall-irkanti, parteċipant irid jilloggja billi juża l-kard tal-identità, l-identità mobbli jew il-username u l-password.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost:

- Il-pagamenti meħtieġa (depożitu, kostijiet, prezz tal-akkwist, eċċ.) jistgħu jsiru b'mod elettroniku, permezz tal-ibbankjar elettroniku, lill-kont bankarju speċifikat mill-bailiff, jew fl-ambjent għall-irkanti permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament. Is-somma eżatta tiddependi fuq l-irkant inkwistjoni.

¶olqa:

Aktar informazzjoni dwar l-irkanti ġudizzjarji pubbliċi fl-Estonja hija disponibbli [hawnhekk](#).

Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Għan u ambitu: Ir-regoli dwar il-konċiljazzjoni huma previsti fl-Att dwar il-Konċiljazzjoni (*Lepitusseadus*). Il-proċess ta' konċiljazzjoni previst fl-Att dwar il-Konċiljazzjoni (*Lepitusseadus*) jintuża biex isolvi tilwim ċivili li jinvolvi kontenut konċiljatorju. Bħalissa ma hemm l-ebda servizz ta' konċiljazzjoni online disponibbli fl-Estonja. Skont l-Att speċifiku r-rwol ta' konċiljatur jista' jiġi assenjat ukoll lil stat jew korp tal-gvern lokali.

Awtorità kompetenti:

- Skont l-Att dwar il-Konċiljazzjoni (*Lepitusseadus*), konċiljatur jista' jkun kwalunkwe persuna fiżika li l-partijiet ikunu talbu li taġixxi bħala konċiljatur. L-avukati u n-nutara jistgħu jaġixxu wkoll bħala konċiljaturi.
- Fit-tilwim dwar il-liġi tal-familja, il-konċiljaturi ffurmaw organizzazzjoni professjonali tal-[Assoċjazzjoni Estonjana tal-Medjaturi](#) (*Eesti Lepitajate Ühing*) li toffri wkoll medjazzjoni transfruntiera tal-familja.
- Il-Kanċillier tal-Ġustizzja jsolvi tilwim li jikkonċerna d-diskriminazzjoni meta individwu jippreżenta dikjarazzjoni li ġie diskriminat fuq raġunijiet ta' sess, razza, nazzjonalità (oriġini etnika), kulur, lingwa, oriġini, reliġjon, opinjoni politika jew twemmin ieħor, status finanzjarju jew soċjali, età, diżabbiltà, orjentazzjoni sesswali jew karatteristiċi oħra stabbiliti bil-liġi.
- Il-Konċiljatur Pubbliku jaġixxi bħala konċiljatur f'tilwim kollettiv dwar ix-xogħol.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Kwalunkwe persuna tista' tirrikorri għal konċiljazzjoni jew medjazzjoni fl-Estonja.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Mhux possibbli.

Kost:L-ispejjeż tal-konċiljazzjoni jitħallsu mill-partijiet u jiddependu fuq il-ftehim li jkollhom mal-konċiljatur.

¶olqa:

Aktar informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni fl-Estonja tinsab [hawnhekk](#).

L-Att Estonjan dwar il-Konċiljazzjoni (*Lepitusseadus*) huwa disponibbli [hawnhekk](#) (bl-Ingliż).

Aktar informazzjoni dwar l-Assoċjazzjoni Estonjana tal-Medjaturi tista' tiġi aċċessata [hawnhekk](#).

Il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Għan u ambitu:

- Kemm il-formazzjoni tal-kumpaniji kif ukoll l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji huma disponibbli b'mod elettroniku fl-Estonja. Għal dak l-għan, twaqqaf portal ċentrali, aċċessibbli għall-

pubbliku, imsejjaħ ir-Reġistru Kummerċjali Elettroniku: <https://ariregister.rik.ee/eng>, li joffri wkoll servizzi addizzjonali minbarra l-funzjoni ġenerali tat-tiftix u l-formazzjoni tal-kumpaniji. Ir-Reġistru Kummerċjali Elettroniku jinkludi d-data tal-entitajiet ġuridiċi kollha rreġistrati fl-Estonja. Barra minn hekk, informazzjoni dwar kumpaniji barranin li joperaw fl-Estonja hija disponibbli wkoll permezz tar-reġistru.

- Ir-Reġistru Kummerċjali Elettroniku huwa wkoll il-portal għar-reġistrazzjoni ta' kumpanija ġdida, persuna li taħdem għal rasha, assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ jew aġenzija tal-Istat jew awtorità tal-gvern lokali fir-reġistru. Hemm taqsima speċjali ("Stabiliment") għaliha fuq il-paġna web tar-Reġistru Kummerċjali Elettroniku.

Awtorità kompetenti:

- Il-paġna web tar-Reġistru Kummerċjali Elettroniku hija appoġġjata u stabbilita miċ-Ċentru tar-Reġistri u s-Sistemi tal-Infomazzjoni (*Registrite ja Infosüsteemide Keskus*), li huwa aġenzija fil-ġurisdizzjoni tal-Ministeru għall-Ġustizzja Estonjan. Madankollu, il-kontenut tar-reġistru huwa amministrat mid-dipartiment tar-reġistrazzjoni tal-Qorti tal-Kontea ta' Tartu (*Tartu Maakohtu registriosakond*), li hija l-awtorità kompetenti biex tbiddel id-dettalji fir-reġistru.
- Kull min ikollu problemi fl-użu tal-paġna web tar-Reġistru Kummerċjali Elettroniku jista' juża l-formola ta' kuntatt jew id-dettalji ta' kuntatt disponibbli fuq il-paġna web tar-Reġistru Kummerċjali Elettroniku. Id-dettalji ta' kuntatt tad-dipartiment tar-reġistrazzjoni tal-Qorti tal-Kontea ta' Tartu huma disponibbli fuq il-paġna web tal-qorti.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Ir-Reġistru Kummerċjali Elettroniku jista' jiġi aċċessat bl-użu tal-kard tal-identità nazzjonali Estonjana (u tagħmir li jaqra l-kards) jew tas-servizzi nazzjonali tal-identità mobbli Mobbli-ID jew Smart-ID.
- Ir-residenti tal-Belġju, il-Finlandja, il-Latvja u l-Portugall jistgħu jaċċessaw ir-Reġistru Kummerċjali Elettroniku bil-kard tal-identità nazzjonali tagħhom (u tagħmir li jaqra l-kards). Il-portal jista' jiġi aċċessat ukoll minn Mobile-ID Litwana, u servizzi Smart-ID Litwani u Latvjani.
- L-utenti rreġistrati (ta' servizzi bi ħlas) jistgħu jaċċessaw il-portal permezz ta' username u password.

Effetti legali tad-dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva, kumpanija tista' tiġi stabbilita fl-Estonja permezz tar-Reġistru Kummerċjali Elettroniku.

Tariffi:

- Is-servizzi ġenerali tar-Reġistru Kummerċjali Elettroniku (it-tfittxija għall-kumpaniji u n-numri uffiċjali tagħhom u l-infomazzjoni ġenerali dwarhom) huma mingħajr ħlas.
- Sabiex tiġi vverifikata informazzjoni speċjali dwar il-kumpaniji (pereżempju, Rapporti Annwali, Statut ta' Assoċjazzjoni) trid titħallas tariffa ta' EUR 2 għal kull dokument. Il-pagament jista' jsir permezz ta' bbankjar online.
- Trid titħallas tariffa tal-Istat għat-twaqqif ta' kumpanija permezz tar-Reġistru Kummerċjali Elettroniku. It-tariffa tal-Istat tiddependi fuq it-tip ta' kumpanija u hija pprovduta mill-Att dwar it-Tariffi tal-Istat (*Riigilõivuseadus*). Pereżempju, sabiex tiġi stabbilita l-aktar kumpanija tipika (*Osaühing*) trid titħallas tariffa tal-Istat ta' EUR 145.
- Ir-Reġistru Kummerċjali Elettroniku joffri servizz sussidjarju, e-Financials, li huwa software tal-kontabilità għall-intrapriżi żgħar Estonjani. Is-servizz huwa mingħajr ħlas għall-użu għall-ewwel sena. L-infomazzjoni dwar is-servizz hija disponibbli fuq il-paġna web tal-e-Financials.

Ħolqa: Ir-Reġistru Kummerċjali Elettroniku huwa disponibbli fuq: <https://ariregister.rik.ee/eng>.

Servizzi tat-traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Għan u ambitu:

- Ma hemm l-ebda servizz tat-traduzzjoni pubblika online fil-qasam tal-ġustizzja fl-Estonja, ħlief għal xi dokumenti pubbliċi elenkati fir-Regolament (UE) 2016/1191.
- Iċ-ċertifikati tat-twelid, taż-żwieġ u tad-divorzju jistgħu jintalbu (ukoll b'mod elettroniku) mir-Reġistru tal-Popolazzjoni (*Rahvastikuregister*) bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bil-Franċiż, jekk persuna teħtieġ li tuża dawn id-dokumenti barra mill-pajjiż.
- Ma huwiex meħtieġ li jiġu sottomessi dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet Estonjani lil awtoritajiet Estonjani oħra, peress li l-awtoritajiet Estonjani kollha għandhom aċċess għar-Reġistru tal-Popolazzjoni (*Rahvastikuregister*) fejn tinżamm l-informazzjoni dwar id-data personali/l-avvenimenti tal-familja.
- Il-proċedura fil-qrati Estonjani u f'aġenziji amministrattivi oħra ssir bil-lingwa uffiċjali (l-Estonjan). Jekk persuna trid tressaq appell, pretensjoni, petizzjoni, eċċ. lill-awtoritajiet Estonjani, teħtieġ li tagħmel dan bl-Estonjan u hija libera li tuża s-servizzi ta' traduzzjoni kollha disponibbli għaliha. Madankollu, id-dokumenti uffiċjali kollha sottomessi lill-awtoritajiet Estonjani, jekk mhux bl-Estonjan u jekk ma jinħarġux mill-awtoritajiet Estonjani, iridu jiġu tradotti minn tradutturi ġuramentati.

Awtorità kompetenti:

- Id-dokumenti pubbliċi elenkati fir-Regolament (UE) 2016/1191 jinħarġu mir-Reġistru tal-Popolazzjoni (*Rahvastikuregister*).
- Fl-Estonja, id-dokumenti uffiċjali barranin kollha li t-traduzzjoni tagħhom trid tkun uffiċjali jew iċċertifikata jridu jiġu tradotti mid-detentur ta' professjoni liberali - traduttur ġuramentat. Hija biss il-persuna li tkun ingħatat il-professjoni ta' traduttur ġuramentat li tista' twestaq l-attivitajiet professjonali ta' traduttur ġuramentat. Il-proċedura biex wieħed isir traduttur ġuramentat hija prevista fl-*Att dwar it-Traduzzjoni Ġuramentata* (2013). Sabiex taġixxi bħala traduttur ġuramentat, persuna trid tgħaddi minn eżami organizzat mill-Ministeru għall-Ġustizzja u wara jinħareġ ċertifikat professjonali lilha u isimha jiġi ppubblikat fuq il-paġna web tat-[tradutturi ġuramentati amministrata mill-Ministeru għall-Ġustizzja](#).

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Kwalunkwe persuna li d-data tagħha tinżamm mir-Reġistru tal-Popolazzjoni Estonjana tista' titlob aċċess għad-data miżmuma fir-reġistru billi tmur għand l-aġenziji tal-gvern lokali. [Lista ta' dawn l-aġenziji bid-dettalji ta' kuntatt rilevanti](#) hija disponibbli fuq il-paġna web tal-Ministeru għall-Intern.
- Kwalunkwe persuna li d-data tagħha tinżamm mir-Reġistru Estonjan tal-Popolazzjoni tista' wkoll tilloggja b'mod elettroniku fir-reġistru billi tuża l-portal Reġistru Elettroniku tal-Popolazzjoni . Sabiex tilloggja fil-portal, persuna jeħtieġ li tuża s-servizzi ta' ċertifikazzjoni mobbli Estonjani SmartID, Mobiil ID jew il-kard tal-identità nazzjonali u tagħmir li jaqra l-kards korrispondenti. Il-portal jista' jidher bl-Estonjan, bl-Ingliż u bir-Russu. Huwa possibbli li jintuża l-portal biex jintalab ċertifikat b'mod elettroniku dwar ċerti dokumenti pubbliċi. Id-dokumenti li jinħarġu b'ċerti lingwi barranin huma ċ-ċertifikat tat-twelid, taż-żwieġ u tad-divorzju. Iċ-ċertifikati ta' dawn id-dokumenti jistgħu jintalbu bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. Wara li tissottometti t-talba u tħallas it-tariffa rilevanti tal-Istat bl-użu ta' servizzi ta' pagament online, iċ-ċertifikati jintbagħtu fl-email indikat mill-persuna li titlob iċ-ċertifikati.
- Kulħadd jista' jirrikorri għat-tradutturi ġuramentati Estonjani biex jitlob traduzzjoni uffiċjali ta'

dokument billi juża d-dettalji ta' kuntatt tat-tradutturi ġuramentati ppubblikati fuq il-paġna web tal-Ministeru għall-Ġustizzja.

Effetti legali ta' dokument elettroniku:

- Iċ-ċertifikati li jinħarġu mir-Regjistru Estonjan tal-Popolazzjoni b'mod elettroniku għandhom l-istess effett bħad-dokumenti stampati.
- Id-dokumenti tradotti minn Tradutturi Ġuramentati huma aċċettati mill-awtoritajiet Estonjani bħala tradotti uffiċjalment.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva, ara hawn fuq.

Kost:

- Persuna jeħtieġ li tħallas tariffa tal-Istat għaċ-ċertifikati maħruġa mir-Regjistru tal-Popolazzjoni b'lingwi barranin (l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż) jew fuq il-formola CIEC jew standard multilingwi. Iċ-ċertifikat b'lingwa barranija jiswa EUR 10 (stampat) jew EUR 5 (diġitali) jew EUR 20 (jekk ċertifikat ikun ġej mill-ambaxxata Estonjana barra mill-pajjiż). Iċ-ċertifikati fuq il-formola CIEC jiswew EUR 10 (stampati) jew EUR 5 (diġitali). Iċ-ċertifikati fuq formola standard multilingwi jiswew EUR 20 (stampati) jew EUR 10 (diġitali).
- It-tariffa ta' servizz ta' tradutturi ġuramentati Estonjani hija miftiehma mat-traduttur partikolari ġuramentat inkwistjoni.

Fl-oqra:

- Aktar informazzjoni dwar kif tikseb ċertifikati tat-twelid, taż-żwieġ u tad-divorzju b'lingwa barranija hija disponibbli hawnhekk: <http://www.rahvastikuregister.ee>.

L-informazzjoni dwar tradutturi ġuramentati hija ppubblikata fuq il-paġna web tal-Ministeru għall-Ġustizzja. Il-paġna web telenka t-tradutturi ġuramentati kollha, id-dettalji ta' kuntatt tagħhom (l-isem, l-email, it-telefown, l-indirizz) u informazzjoni dwar l-ispeċjalizzazzjoni lingwistika tagħhom. Id-dettalji ta' kuntatt tat-tradutturi ġuramentati Estonjani jinsabu wkoll fil-paġna web tal-organizzazzjoni professjonali li tirrappreżenta lit-tradutturi ġuramentati, il-Kamra tat-tradutturi ġuramentati (*Vandetõlkide Koda*).

■ L-aħħar aġġornament: 22/01/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.